



Kategoriji tal-persunal tal-qorti fl-UE

Malta

Informazzjoni pprovduta minn: Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja

Mejju, 2014

DESKRIZZJONI TAL-KATEGORIJA TAL-PERSUNAL TAL-QORTI f'Malta

1. Kategorija / professjoni tal-persunal tal-Qorti

Isem tal-Kategorija tal-Persunal tal-Qorti	Bi-Malti: Assistent Ġudizzjarju
	Bi-Ingliż: Judicial Assistant L-assistenti ġudizzjarji jridu jkunu avukati u huma assenjati lil imħallef jew maġistrat sabiex jgħinuhom iwettqu riċerka f'konnessjoni ma' każijiet fil-qorti u biex jiġbru evidenza
Bażi ġuridika / dokumenti regolatorji	Il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – l-Artikoli 97A sa 97C http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lo m&itemid=8577&l=2

2. Aċċess għall-kategorija / professjoni

Il-Kundizzjonijiet Ewlenin tal-Aċċess	Kwalifiki: <ul style="list-style-type: none"> • Lawrja tal-edukazzjoni għolja fil-liġi Aspetti tal-liġi tal-UE: huma obbligatorji
Il-proċess tal-aċċess	Il-proċedura ta' reklutaġġ: isseħħ fil-livell tal-qorti <ul style="list-style-type: none"> • Intervista minn ġurija ta' reklutaġġ

Rotot ta' aċċess alternattivi	Rotot ta' trasferiment minn professjonijiet oħra: Iva – l-assistenti ġudizzjarji jridu jkunu avukati
3. Responsabbiltajiet / Dmirijiet	
Responsabbiltajiet ġenerali	<ul style="list-style-type: none"> • Proċeduri • Għajnuna lill-ġudikatura fl-abbozzar tad-deċiżjonijiet <p>Il-funzjonijiet ta' assistent ġudizzjarju jinkludu dan li ġej:</p> <p>jassisti fil-proċess ġudizzjarju u jwettaq kull riċerka jew xogħol ieħor meħtieġ mill-qorti, jagħti l-ġuramenti, jieħu x-xhieda ta' kull persuna mressqa bħala xhud fi proċedimenti tal-qorti, jieħu <i>affidavit</i> fi kwistjonijiet marbuta ma' proċedimenti tal-qorti u jorganizza seduti kif jista' jiġi ordnat mill-qorti u jiltaqa' mal-avukati tal-partijiet sabiex jippjanaw il-ġestjoni tal-kawża, jagħti assistenza lill-ġudikatura fit-tfassil tad-deċiżjonijiet.</p> <p>L-assistenti ġudizzjarji jwettqu rwol importanti f'dawn li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> • Il-liġi u l-proċeduri ċivili (proċeduri ċivili transfruntieri) • Il-liġi u l-proċeduri kummerċjali (proċeduri kummerċjali transfruntieri) • Il-liġi u l-proċeduri kriminali (proċeduri kriminali transfruntieri) • Il-liġi u l-proċeduri amministrattivi • Il-liġi u l-proċeduri tal-kompetizzjoni • Il-liġi u l-proċeduri ambjentali • Assistenza lil imħallfin u/jew prosekuturi pubbliċi
Rwol fi proċess b'aspetti tal-liġi tal-UE	Aspetti tal-liġi tal-UE: huma importanti
4. Organizzazzjoni tal-kategorija / professjoni	
Struttura tal-Organizzazzjoni	Id-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja
Fornituri tat-taħriġ	CDRT - Iċ-Ċentru għall-Iżvilupp, ir-Riċerka u t-Taħriġ

		<p>(fakultattiv)</p> <p>Iċ-Ċentru joffri taħriġ fl-amministrazzjoni pubblika. Eżempji tal-korsijiet offriti: l-istituzzjonijiet u l-istrutturi tal-UE, il-kompetenza fl-użu tal-kompjuter, il-ħiliet tal-kitba, is-servizz għall-klijenti, il-komunikazzjoni u l-ħiliet interpersonali, il-kapaċità tat-tmexxija, il-kondotta etika u professjonali, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ħsieb analitiku, il-governanza fis-servizz pubbliku, il-ġestjoni tal-informazzjoni.</p> <p>Sit web:</p> <p>http://cdrt.gov.mt/home?l=1</p>
	numri	Fornitur 1 tat-taħriġ tas-settur pubbliku
	tipi	Struttura tas-settur pubbliku
	Isem/ismijiet	
Organizzazzjoni(jiet) professjonali		Mhux applikabbli

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "*Lot 3 – State of play of training of court staff in EU law and promotion of cooperation between training providers at EU level* ", imwettaq mill-European Institute of Public Administration (EIPA) flimkien ma' konsorzju